**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 5 ta' Lulju 2023**

Rikors Numru: 272/2022 AL

A sive A B

vs

D B

(M.R. Numru 864/19)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors tal-attrici li ġie kkonfermat bil- ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu esponiet illi: -

1. Illi l-partijiet zzewgu f' Malta nhar il-ħamsa (5) ta' Gunju tas-sena elf disgħa mija u erbgħa u disgħin (1994) ġewwa l-knisja Parrokjali taz-Zejtun liema zwieg gie rregistrat fir-Registru Pubbliku bin-numru (864/19) certifikat taz-zwieg anness DOk MF1 ;
2. Illi minn dan iz-zwieg huma kellhom zewgt itfal u cioe E B li twieldet fl-07/01/1996 u F B li twieldet fit-29/11/1998, t-tnejn magorrenni;
3. Illi l-hajja konjugali ta' bejniethom ma' baqghetx aktar possibbli minhabba ragunijiet suffiċjenti fil-ligi ghall-otteniment ta' firda personali oltre l-fatt li z-

zwieg tkisser irrimedjabilment u m'hemmx lok ta' rikonciljazzjoni, tant illi l-esponenti kellha titlaq mid-dar matirmonjali flimkien mal-ulied ;

4. Illi huma gew debitament awtorizzati sabiex jidhru fuq kuntratt ta' separazzjoni izda l-konvenut dan ma riedx jiffirmah, la ried jersaq u minflok qabad u beda sensiela ta akkuzi foloz fil-konfront tal-esponenti ; fosthom li skont hu hi ghandha xi zewgt ulied subien, u anki beda jaghmlilha hajjitha infern, tant li kellha titlob protezzjoni mill-Qorti ;
5. Illi l-konvenut rrenda l-ħajja matrimonjali ta' bejn l-partijiet impossibbli u dana minħabba inġurji, sevizzi, inġurji , abbuzi oħrajn inkluz abbuz psikologiku u dana fuq medda twila ta' zmien, u dan fost raġunijiet oħra kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;
6. Illi l-intimat huwa persuna vjolenti; u perikoluza, li hemm bzonn li jsib postu u mhux jibqa jahseb li hadd ma jista ghalih; Tan tilli l-intimat huwa ssegwenti:

   i. Il-persuna li jaqla l inkwiet u l-glied kull medjazzjoni
   ii. Persuna li jkollhom jidhlu l pulizija iwaqqfhu kull darba li jitlaq l-Qorti
   iii. Persuna li mar jhedded lin Nutar Masini Vento
   iv. Persuna li jhedded lil medjatur
   v. Persuna li jhedded lil legali tar-rikorrenti u anki lil legali tieghu; u huwa persuna li jahseb li hadd ma jista ghalih u li hu fuq kollox u kulhadd;

7. Illi kien hemm diversi incidenti illi waslu lil esponenti f'dan l-istadju li ma kellhiex triq ohra, wara l-vjolenza kollha subita minnha milli tippreċedi b'din il-kawza; il-process kriminali ha l-ħin tiegħu;

8. Illi l-intimat huwa persuna perikoluza u dan diga jirrizulta mill-atti u mid-dokumenti kollha li hemm prezentati fil-medjazzjoni bin-numru 462/22;

9. Illi l-esponenti ghalkemm ottjeniet digriet sabiex l-intimat jigi zgumbrat, sal llum huwa ghadu jghix god-dar matirmonjali; u huwa jisfida lil marixxalli; sahansitra stieden terzi god dar matirmonjali u l-esopnenti ghadha barra mid-dar;

10. Illi l-partijiet ġew debitament awtorizzati biex jipproċedu bl-istanti permezz ta' digriet mogħti minn din l-wisq Onorabbli Qorti (Digriet tal-awtorizzazzjoni anness u mmarkat <u>Dokument MF2</u>);

Talbet li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn l-kontendenti u dan minħabba tortijiet unikament u esklussivament imputabli lill-konvenut kif fuq spjegat u tawtorizza l-attriċi sabiex tgħix separatament minn mal-konvenut;

2. Tillikwida ammont adegwat ta' manteniment pagabbli mill-intimat lil-attriċi liema manteniment għandu jkun jirrifletti nofs il-pensjonijiet li għandhom il-partijiet;

3. Tiddikjara li l-konvenut iddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob jew jipperċepixxi manteniment mingħand l-attrici;

4. Tapplika kontra l-konvenut l-effetti *in toto* jew *in parte* tal-artikoli 48 sa 52 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta sa fejn applikabbli, inkluza l-komminazzjoni li tilef kull dritt li jiret lil-attriċi.

5. Ixxolji u tillikwida l-proprjeta komuni li hemm ezistenti bejn il-partijiet u taqsamha f'zewġ porzjonijiet mhux necessarjament ugwali fid-dawl li l-konvenut huwa unikament ħati għas-separazzjoni personali u tassenja porzjoni lill-attriċi u porzjoni lil-konvenut *ope sententiam* billi tikkunsidra wkoll id-dati tal-akkwist tad-diversi beni u d-data minn meta l-konvenut ghandu jkun ikkunsidrat hati tat-tortijiet kommessi minnu b'konsegwenza ta' liema z-zwieg tkisser irrimedjabilment, filwaqt li tinnomina nutar biex jircievi l-att relattiv li fih jinkorpora l-effetti kollha tas-sentenza u kuraturi sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att.

6. Tikkundanna lill-konvenut sabiex jirrestitwixxi lil-attriċi l-beni kollha dotali u/jew parafernal tagħha li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u dana fi żmien qasir u perentorju li għandu jigi lilu prefiss minn din l-Onorabbli Qorti u fin-nuqqas li l-konvenut jagħmel dan, tikkundannah iħallas lill-attriċi dik is-somma li għandha tiġi likwidata, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, rapprezentanti l-valur tal-beni dotali u/jew parafernali sudetti.

7. Tassenja lill-attrici l-beni parafernali taghha u /jew il-valur tal-istess u tordna lill-konvenut sabiex jirritorna lill-attrici l-beni kollha parafernali taghha, jew il-valur relattiv tal-istess jekk ikun il-kaz;

8. Tikkonferma d-digriet taghha tal- 1 ta’ Awissu 2022 u tordna illi l-esponenti ghandha flimkien mal-ulied ad eskluzjoni tal-intimat tibqa tabita fid-dar matrimonjali tal-partijiet;

9. Tikkonferma d-digriet taghha tal-1 ta’ Awissu 2022 u tipprovdi ghall protezzjoni tal-esponenti billi tikkonferma l-ordni ta protezzjoni ai termini tal artijkolu 412C tal-Kapitolu 16 tal-ligijiet ta’ malta u dana salv ghal kull ordni u provediment iehor li joghgobha tiprefiggi;

10. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-Att relattiv u kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci;

11. Tiddikjara li l-attrici għandha tirreverti għall kunjomha ta’ xebba u cioe Cumbo;

12. Tipponunzja l-hall taz-zwieg li gie celebrat bejn l-partijiet nhar il- ħamsa (5) ta’ Gunju tas-sena elf disgħa mija u erbgħa u disgħin (1994)

13. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku kemm bis-separazzjoni kif ukoll bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dawn jigu registrati fir-Registru Pubbliku.

14. Tawtorizza lill-attrici sabiex tirregistra l-eventwali sentenza fir-Registru Pubbliku.

15. Tawtorizza lil esponenti sabiex tirreverti ghal kunjomha ta xebba;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-proceduri kollha quddiem l-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) u tal-medjazzjoni precedenti għal dan ir-rikors, kontra l-konvenut li hu minn issa inġunta għas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti li gew esebiti;

Rat l-atti kollha ta’ dan il-proċediment;

Rat illi l-partijiet iffirmaw u pprezentaw kuntratt ta’ separazzjoni bonarja li ġie ppubblikat fil-31 ta’ Mejju, 2023;

Il-Qorti rat in-nota ta’ ċessjoni tal-attrici tal-20 ta’ Gunju 2023 li permezz tagħha ċediet it-talbiet kollha fir-rikors ġuramentat numru 272/22 għajr it-tnax (12) u t-tlettax (13) -il talba;

Għaldaqstant, il-Qorti qegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3), ir-raba` (4), il-ħames (5), it-sitt (6), is-seba` (7), it-tmienja (8), id-disgħa (9), l-għaxra (10), il-ħdax (11) u l-erbatax (14) u l-ħmistax (15) -il talba tal-attriċi;

Illi għal dak li jirrigwarda t-tnax (12) u t-tlettax (13) -il talba tal-attrici u ċioe` dik għall-ħall taz-zwieg, il-Qorti, rat illi l-attriċi ssodisfat r-rekwiziti kollha rikjesti mill-liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi pprovat illi l-partijiet ilhom *de facto* separati għal aktar minn sena;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprovat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta’ rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ ħlas ta’ manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa’ din it-talba, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.